MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 561/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**David Vella**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra David Vella, iben Emanuel u Rosemarie nee Farrugia, inwieled tal-Pieta', nhar it-18 ta' Lulju 1978 u joqgħod 49 The Vhimes Triq Patri A.Tonna Barthet, Pembroke u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 0345478(M).

Akkużat talli nhar il-31 ta' Marzu, 2011 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar (14.00) fi Triq Camillo Sciberras, Pembroke ikkometta serq ta' diesel fuel minn vettura tal-għamla Kobelco RK 70 M

(crane) bin-numru tar-reġsitrazzjoni JBL 215 a detriment ta’ Martin Curmi minn Pembroke u / jew persuni oħra liema serq huwa aggravate bil-valur, mezz u bix-xort tal-ħaġa misruqa.

Il-Qorti ntalbet tittratta ma’ David Vella bħala persuna li rrendiet ruħha reċidiva b’diversi sentenzi tal-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 ta’ Novembru 2012 li fiha l-Qorti ddeċidiet li l-prova tal-valur tad-diesel ma kenitx kontradetta iżda lanqas ma setgħet tiġi ppruvata b’ċertezza. Jibaqa’ għalhekk is-serq ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa. L-addebitu tar-reċidiva ġie ppruvat bis-sentenza esibita fl-atti. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 289, 261, 263, 267 u 271(g) tal-Kap 9, sabet lill-imputat (illum appellant ħati) u kkundannatu sean priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant li fih huwa qal li l-ewwelnett ħassu aggravate bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati minħabba li skont l-appellant il-Qorti kienet għamlet apprezzament ħażin tal-fatti. Skont l-appellant il-verżjoni ta’ Curmi meta xhed fl-24 ta’ Mejju 2012 tikkuntrasta mal-verżjoni li kien irrilaxxja l-imputat fl-istqarrija tiegħu a fol 33 tal-proċess. L-appellant dejjem ċaħad li hu kien qed jisraq il-fuel. Huwa kien niżel mill-karozza sabiex jara xi ħsara kien ikkawża fil-karozza tiegħus tess wara li kien irriversja fil-crane. Fil-proċess ma hemm ebda prova li turbot lill-appellant mas-serq tad-diesel. Ma sarux provi li l-likwidu li kien ħiereġ mill-crane kien diesel u lanqas saru testijiet fuq il-jerry cans biex jaraw kienx hemm fingerprints. Ix-xhieda ta’ Martin Curmi mhux biżżejjed biex twassal għal prova ‘l hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni.

It-tieni aggravju huwa dwar il-piena. Skont l-appellant din hija waħda eċċessiva. L-appellant, jekk jinstab ħati, jista’ jingħata probation. (Ara Il-Pulizija versus George Farrugia tat-18 ta’ Jannar 2001 u ‘Il-Pulizija kontra Anton Vassallo tal-4 ta’ Ġunju 2008).

L-appellant talab riforma tas-sentenza billi tkun ikkonfermata fejn lliberatu mill-gravanti tal-valur waqt li għandha tirrevokaha u tħassarha fejn sabitu ħati tal-gravanti tal-mezz u tax-xorta tal-ħaġa. Fl-alternattiva l-appellant talab li tkun imposta sentenza aktar ekwa u ġusta.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Mill-atti jirrżulta dan li ġej:

Skont l-Ispettur Nikolai Sant ċertu Martin Camilleri kien mar jirrapporta li ra raġel imisslu l-vlave tad-diesel u ra wkoll xi jerrycans ħdejh. Il-Pulizija investigat u saret taf li r-raġel li l-karozza li kienet ħdejn il-crane kienet irreġistrata f'isem l-appellant. Dan ċaħad li kien qed jisraq id-diesel iżda kien qed jirranġa xi affarijiet fil-karozza tiegħu. L-appellant qal li huwa kien mat-tifla tiegħu li ħadha l-bandli u kellu probelma bil-gear box fejn meta ġie biex idaħħal ir-reverse daħħal il-first u laqat il-crane li kien ipparkjat fil-post. Skont Martin Curmi, huwa kien mela t-tank tal-crane b'diesel li kien jsiwa 282 Euros. L-appellant ma riedx għajnuna tal-avukat waqt l-istqarrija.

Fl-istqarrija l-appellant qal li kien ipparkjat ħadejn crane. Meta wasal biex jitlaq, huwa pprova jdaħħal ir-reverse iżda minflok daħal il-first. B'hekk laqat il-crane li kien ipparkjat quddiemu. L-appellant qal li kien qasam il-bumper. F'daqqa waħda mar raġel fuqu u qallu li kien qed jisraqlu d-diesel. L-appellant kien quddiem il-crane għaliex kien qed jara l-ħsara li kellu. Huwa ċaħad li l-landi kienu tiegħu u li kien fetaħ il-kamin ta' dan it-tank tad-diesel. Huwa kien qala' daqqa ta' sieq fuq siequ minn għand dan ir-raġel.

Xehed is-sur Brian Farrugia li kkonferma li l-crane kien reġistrat f'iem Martin Crumi (ID 559564(M)) waqt li l-vettura CCC187 kienet reġsitratra f'isem Caludette POrtelli (ID 133179(M)). Din il-vettura keient reġsitrat f'isem David Vella (ID 345478(M)) għall-perjodu bejn il-15 t'Ottubru 2010 sal-31 t'Awwissu 2011.

Xehdet WPC 207 Christine Calleja li qalet li kien mar jagħmel rapport Martin Curmi fejn stqarr li l-appellant kien ħarab jiġri minn fuq il-post. Min-naħa l-oħra l-appellant kien stqarr li huwa kien ħabat ġol-parti ta' quddiem tal-vettura li kienet ipparkjata u huwa kien niżel beix jara xi ħsar kellha l-vettura. Martin Crumi kien qal li sab il-valve tal-gas tank miftuħ u kien hemm container żgħir taħtu. Iż-żgħir aktars kien ser jintuża sabiex jimtela jerrycan ikbar li kien hemm ħdejn il-vettura.

Fil-kontro-eżami ix-xhud qalet li Martin Crumi kien qal li kien mela t-tank b'200 Ewro diesel, Kien użah ftit u kien ħallieh ipparkjat hemm. Ma kien baqa' xejn diesel fil-vettura. Huma kien ċċekkjaw li kien hemm crack żgħira fuq il-bumper in-naħa tax-xufier.

Xehed ukoll Carmel Sammut li ntwera l-invocie li qiegħed fil-proċess u li turi li l-valur tal-ammont ta' diesel li kien inxtara kein 282 Euros. (Ara fol 54).

Xehed ukoll Martin Curmi li kkonferma li l-crane kien ipparkjat f'Pembroke in-naħa tal-bandli. Huwa kien mar jistartja l-crane u ra landa u ilma qisu mċarċar mal-art. Il-landa kienet quddiem il-crane u l-karozza quddiemu. Huwa ra lill-appellant taħt it-tank tal-crane. Huwa staqsieh x'kien qed jagħmel taħt il-crane u wieġbu li l-crane kien qed jarmi d-diesel. Huwa mill-ewwel irrispondieh li l-crane qatt ma għamel diesel jew żejt. Imbagħad dak ir-raġel telaq jiġri. Lanqas ix-xhud stess ma kien jaf li kien hemm tapp taħt it-tank biex jitbattal it-tank kollu minn hemm. Huwa rabat it-tapp u mar jagħamle rapport lill-pulizija. L-appellant kien aħreġ minn taħt il-crane u beda jgħid li l-crane kien qed jagħmel id-diesel. Ix-xhud kien ipprova jieħu ċ-ċwievet tal-karozza tal-appelalnt u minflok ħadlu s-sigaretti u n-nuċċali. Dawn kien żammhom bħala prova. Ix-xhud ikkonferma li t-tank kien mimli għaliex huwa kien iżommu mimli għal dak li jista' jinqala'. Huwa kkonferma l-figura ta' 282 Ewro. L-appellant kien qed jimla ġo landa tal-gallun minn taħt il-crane għax ma tidħolx aktar minn landa tal-gallun u jwaddab ġo landa oħra. Huwa kien ċempel lil tal-fire engine minħabba l-kwantita' kbira ta' diesel li kien hemm.

Kienet ippreżentata wkoll sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006 li fiha l-appellant kien ikkundannat għal tmintax-il xahar priġunerija.

Id-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq.

Ikkonsidrat

Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni pprovat li kien qed isir is-serq tad-diesel mill-crane li kien ipparkjat f'Pembroke. Is-Sur Martin Curmi xehed fejn sab lill-appellant – taħt il-crane – kif ukoll li propju fil-viċin kien hemm żewġ jerrycans – waħda tal-gallun u l-oħra ikbar. Kien hemm saħansitra d-diesel jiġri mal-art tant li talbu l-għajnuna tal-fire engine. Dawn huma provi ċirkostanzjali qawwija li meħuda flimkien jindikaw li s-serqa kienet qed titwettaq.

Ma jfissirx li għax l-appellant ta verżjoni differenti matul l-istqarrija waqt li x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ta verżjoni oħra, allura m'hemmx prova. F'każ ta' kuntrast fil-verżjonijiet il-Qorti għandha tara liema verżjoni sejra temmen. Fuq kollox il-verżjoni ta' Martin Curmi ma kinitx kontradetta minn ebda persuna li telgħet fuq il-pedana tax-xhieda. Din il-Qorti qed tqis li l-verżjoni mogħtija minn Martin Curmi hija aktar ta' min joqgħod fuqha.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-appellant huwa ħati ta' serq.

Dwar il-gravanti, il-Qorti tal-Maġistrati illiberat lill-appellant mill-gravanti tal-valur iżda sabitu ħati tal-gravanti tal-mezz u tax-xorta tal-ħaġa misruqa.

Dwar il-gravanti tal-mezz l-artikolu 263 tal-Kap 9 jipprovdi kif ġej:

'Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" -

(*a*) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b' imfietaħ foloz, jew bi skalata;

(*b*) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jagħmel is-serq, jieħu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew militari,

jew jippretendi li għandu ordni maħruġ minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi

qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex igħinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-ħalliel.

Imbagħad l-artikolu 264 jagħti spjega ta' x'inhuwa ksur waqt li l-artikolu 265 jagħti definizzjoni ta' xi tfisser il-frażi 'infietaħ foloz.'

Fil-fehma tal-Qorti l-ebda wieħed mill-elementi msemmija fl-artikolu 263 jew fl-artikolu 264 u 265 ma jgħodd għall-każ in eżami.

Għalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-appellant mill-gravanti tal-mezz.

Dwar il-gravanti tax-xorta tal-ħaġa misruqa, din tirriżulta minħabba li l-crane, skont ix-xhieda mogħtija mis-sur Brian Farrugia, huwa vettura, allura jsegwi li japplika l-artikolu 271(g) tal-Kap 9. Għalhekk il-Qorti sejra tikkonferma l-ħtija tal-appellant dwar dan il-gravanti.

Dwar ir-reċidiva, il-Proskeuzzjoni ppreżentat sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2006 b'kundanna ta' 18-il xahar priġunerija. Jekk l-appellant serva żewġ terzi minnh, allur ahuwa skonta l-piena fit-22 ta' Ġunju 2007. Ir-reat fiċ-ċitazzjoni tal-lum seħħ fil-31 ta' Marzu 2011. Għaldaqstant, ma kinux għaddew 5 snin kfi rikjest mill-artikolu 50 tal-Kap 9. Konsegwentement għandu jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva.

Dwar il-piena, f'dan il-każ għandha tapplika d-dispożizzjoni 281(a) li tikkontempla piena bejn seba' xhur u sentejn.

F'dan il-każ hemm il-grad iżjed minħabba l-addebitu tar-reċidiva.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament minħabba li qed tillibera lill-appellant mill-gravanti tal-mezz u sejra wkoll tagħmel temperament fil-piena.**

**Isegwi li l-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-22 ta' Novembru 2012 billi qed tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati ta' serq kwalifikat bil-gravanti tax-xorta tal-ħaġa misruqa u tal-addebitu tar-reċidiva u fejn illiberatu mill-gravanti tal-valur waqt li qed tirriformaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-gravanti tal-mezz u fejn ikkundannatu għal sena priġunerija u minflok qed tilliberah mill-gravanti tal-mezz u qed tikkundannah għal disa' xhur priġunerija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------